



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-481/12

UAB “Juvelta”

vs

VĮ “Lietuvos prabavimo rūmai”

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas)

“Moviment liberu tal-merkanzija — Artikolu 34 TFUE — Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni — Miżuri li għandhom effett ekwivalenti — Kummerċjalizzazzjoni ta’ xogħlijiet magħmula minn metalli prezzjużi — Boll — Rekwiżiti imposti mil-leġislażzjoni tal-Istat Membru ta’ importazzjoni”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-16 ta’ Jannar 2014

Moviment liberu tal-merkanzija — Restrizzjonijiet kwantitattivi — Miżuri li għandhom effett ekwivalenti — Leġislażzjoni nazzjonali li teżiġi, għal xogħlijiet magħmula minn metalli prezzjużi importati li diġà għandhom boll maħruġ minn organu ta’ kontroll indipendenti awtorizzat fl-Istat Membru ta’ esportazzjoni u ta’ mmarrar addizzjonali iżda li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta’ din il-leġislażzjoni, il-ħtieġa ta’ boll ġdid imwettaq f’dan it-tieni Stat Membru — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li tiġi żgurata protezzjoni effikaċi tal-konsumaturi — Kundizzjonijiet — Assenza ta’ proporzjonalità — Immarkar addizzjonali mwettaq mill-importatur, u mhux minn organu ta’ kontroll indipendenti awtorizzat minn Stat Membru — Assenza ta’ effett

(Artikolu 34 TFUE)

L-Artikolu 34 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislażzjoni nazzjonali li abbażi tagħha, sabiex jiġu kkummerċjalizzati fis-suq ta’ Stat Membru, xogħlijiet magħmula minn metalli prezzjużi importati minn Stat Membru ieħor, li fih il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom hija awtorizzata u li ġew immarkati b’boll skont il-leġislażzjoni ta’ dan it-tieni Stat Membru, għandhom, meta l-indikazzjonijiet dwar il-finezza ta’ dawn ix-xogħlijiet li jinsabu fuq l-imsemmi boll ma humiex konformi mar-rekwiżiti tal-leġislażzjoni tal-ewwel Stat Membru, jergġhu jiġu mmarrati mill-ġdid, minn organu ta’ kontroll indipendenti awtorizzat minn dan l-aħħar Stat Membru, permezz ta’ boll li jikkonferma li l-imsemmija xogħlijiet ġew ikkontrollati u li jindika l-finezza tagħhom skont l-imsemmija rekwiżiti.

Fid-dawl ta’ din l-interpretazzjoni, ma għandux effett il-fatt li mmarrar addizzjonali ta’ xogħlijiet magħmula minn metalli prezzjużi importati, intiż li jipprovdi indikazzjonijiet dwar il-finezza ta’ dawn ix-xogħlijiet f’forma li tinftiehem mill-konsumaturi tal-Istat Membru ta’ importazzjoni, ma sarx minn organu ta’ kontroll indipendenti awtorizzat minn Stat Membru, peress illi boll ta’ finezza kien tqiegħed qabel fuq l-imsemmija xogħlijiet minn uffiċċju ta’ kontroll indipendenti awtorizzat mill-Istat Membru ta’ esportazzjoni u li l-indikazzjonijiet ipprovduti minn dan l-immarkar jikkorrispondu ma’ dawk li jinsabu fuq dan il-boll.

(ara l-punti 34, 40 u d-dispożittivi 1, 2)